MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 361/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rachid Lachheb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rachid Lahcheb talli fil-15 ta’ Marzu 2006 ghall-habta ta’ 6.35 a.m. fi Triq l-Immakulata, Bormla saq vettura Nru KAQ – 657:

(1) b’manjiera traskurata;

(2) perikoluza;

(3) u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b nuqqas tar-regolamenti

tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Raymond Tabone skond kif iccertifika Dr. Allan Drago M.D ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Rachid Lachheb hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu u, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta, sabitu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' elfejn Ewro (€2000) u skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Rachid Lachheb ipprezentat fid-9 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tieni mputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija; u f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet dwar il-htija, f'kaz li tikkonferma s-sejbien tal-htija tirriforma l-piena nflitta billi tirriduci l-multa ta' elfejn ewro (€2,000) u thassar ghal kollox jew tirriduci l-piena ta' sospensjoni mil-licenzji tas-sewqan;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti kienet zbaljata fuq cirkostanzi li setghu influwixxew fuq ir-ragunament taghha dwar ir-responsabbilita` ta' l-incident, u naqset li tapprezza d-dinamika ta' kif sehh; (2) minghajr pregudizzju, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet sproporzjonata.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat il-provi kollha li tressqu quddiem l-ewwel Qorti. Minnhom jirrizulta li l-incident in kwistjoni sehh go Triq l-Immakulata, Bormla, bi dritt id-dahla ghal Triq Polverista u fuq l-karreggata int u niezel lejn Bormla. L-appellant kien tiela' fid-direzzjoni tal-Fgura u ried idur ghal go Triq Polverista filwaqt illi Raymond Tabone kien niezel fid-direzzjoni ta' Bormla bil-mutur tieghu. Issa, skond l-appellant, huwa ghamel dak kollu mistenni minn sewwieq prudenti billi kien wieqaf, xeghel l-indicator biex juri l-intenzjoni tieghu u beda hiereg bil-mod, billi quddiemu t-triq kienet vojta. X'hin ra l-mutur pprova jevitah pero` dan messu fuq ix-xellug tal-v ettura u spicca fl-art. Evidentement lill-mutur ma rahx minn qabel bizzejjed biex jevitah. Il-htija ta' dan, skond l-appellant, kien l-istess Tabone li *ex admissis* kien qed isuq ghal nofs il-karreggata tat-triq, u probabilment aktar lejn il-lemin tal-karreggata, b'mod li minhabba l-liwja fit-triq ma kienx jidher. L-appellant ghalhekk isostni li kien is-sewwieq tal-mutur Raymond Tabone li ma kienx prudenti. Jghid li sewwieq normalment ghandu jsuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq u fic-cirkostanzi partikolari tat-triq li kien fiha Tabone, dan l-obbligu kien akbar. Jirreferi ghar-rakkomandazzjonijiet tal-Highway Code Ingliz u dak Malti f'dar-rigward u jghid li Tabone ghamel proprju bil-maqlub ghaliex zamm lejn nofs it-triq minkejja li fuq in-naha tat-triq tieghu ma kienx hemm karozzi pparkjati u minkejja li kien jaf mill-esperjenza ta' sbatax-il sena li minn faccata tieghu kienu johorgu karozzi biex jaqbzu lil tal-linja meta din tkun wieqfa. Bil-konoxxenza tieghu tal-lokal, certament kien jaf ukoll li jkun hemm karozzi telghin li jduru ghal go Triq Polverista. Kieku zamm max-xellug kien ikabbar il-vizwali tieghu tat-traffiku gej minn faccata u jassigura wkoll li min ikun gej mid-direzzjoni opposta jkun jista' jarah ahjar. B'hekk iz-zewg sewwieqa jkollhom hin biex jiehdu azzjoni evaziva. L-appellant jghid ukoll li evidentement Tabone kien niezel bi speed mhux prudenti. In  kwantu kien ghan-nizla kellu jzomm fuq gear baxx bi speed kontrollat biex ikun jista' jieqaf f'kaz ta' bzonn, partikolarment meta kien jaf li gej f'inkrocju ma' Triq Polverista fejn karozzi setghu kemm jidhlu kif ukoll johorgu.

Mill-provi m’hemm l-ebda dubju li l-incident sehh fil-karreggata li minnha kien niezel Raymond Tabone. Dan Tabone jispjega li l-appellant hareg minn wara tal-linja biex jidhol fuq il-lemin u hu ma kellux fejn jiskapula. Ra lill-appellant johrog hekk kif hu wasal ma’ tal-linja. Jikkonferma li kien niezel f’nofs il-karreggata tieghu. Ma kellux cans jaghmel xi manuvra evaziva ghax f’dak il-mument tinfixel. Fl-ebda mument ma gie mistoqsi dwar l-ispeed tieghu u minn imkien ma jirrizulta li l-ispeed tieghu ma kienx prudenti. In-nuqqas ta’ brake jew skid marks jindika li Tabone nhasad meta sab quddiemu lill-appellant Interessanti illi l-appellant fix-xiehda tieghu jsemmi lil tal-linja izda ma jghidx li hareg minn warajha izda li warajha kien hemm trakkijiet tad-delivery tal-grocer, karozza mbaghad hu. Kemm jekk kien ezattamnt wara tal-linja kif ukoll jekk kien wara zewg trakkijiet u karozza, dak li hu evidenti huwa li l-appellant kien se jaghmel manuvra ta’ *turning to the right* sabiex jidhol go *side street*. Dan kien jinnecessita li qabel ma jaghmel tali manuvra jiehu l-prekawzjonijet kollha mehtiega biex jsssigura ruhu illi ma jkunx ta’ ostakolu ghal traffiku li jkun gej mid-direzzjoni opposta. Jigifieri kellu jersaq lejn nofs it-triq bl-*indicator* mixghul u jesplora t-triq quddiemu sew qabel ma jiddeciedi biex jaqsam, u meta jkun cert li ma ma kienx se jkun ta’ periklu ghal *oncoming traffic* jaqsam fl-iqsar zmien possibbli. Kemm jekk hareg minn wara tal-linja kif ukoll jekk hareg minn wara l-karozza u t-trakkijiet li kellu quddiemu, ifisser illi minhabba l-liwja fit-triq huwa kellu parti mill-vizwali tat-triq ‘il fuq ostakolata b’dawk il-vetturi. Ghalhekk kellu jistenna sakemm ikollu vizwali tajba qabel ma jiddeciedi illi jaqsam. L-appellant jghid illi meta hareg ma kienx hemm traffiku niezel u lil Tabone rah “fid-daqqa biss”. Dan jikkonferma n-nuqqas tieghu illi jesplora t-triq sew qabel ma hareg biex jaqsam it-triq. Il-paragrafu 85 tal-Malta Highway Code jirrakkomanda: *“Well before you turn at a junction take full acount of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position. <u>Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn</u>”* (sottolinear ta’ din il-Qorti). Tabone hemm kien fit-triq u kien niezel fid-direzzjoni ta’ Bormla. L-appellant jghid li l-

habta grat kif miss il-line tan-nofs li hija l-linja ta’ Tabone. Mill-iskizz li huwa kkonferma bhala korrett, ghajr illi qal li l-mutur kien ftit aktar imbieghed mill-karozza, jidher li l-habta grat kompletament fuq il-karreggata li minnha kien niezel Tabone. Kien l-appellant li ostakola l-*free flow of traffic* fil-karreggata opposta u kien l-appellant illi kien il-kawza prossima ta’ l-incident. Kwindi din il-Qorti taqbel li ghandu jitqies responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Kwantu ghall-piena jigi osservat illi l-ewwel imputazzjoni ghandha tkun assorbita fit-tielet. Din il-Qorti nnotat ukoll illi l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 226(1)(a) fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. Huwa minnu li Raymond Tabone qal li ghandu *12% disability*. Pero` d-difensur tieghu qal li se jipprezentaw ic-certifikati relattivi permezz ta’ nota. Dan ma sarx. Mill-banda l-ohra l-prosekuzzjoni stess ipproduciet bhala xhud lit-tabib Dr. Alan Drago li qal illi l-offizi li garrab Tabone huma gravi *per durata*, minghajr ma jsemmi dizabilita`. Ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri, u naturalment minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe pretensjoni civili, din il-Qorti se tistrieh fuq din il-prova u ghalhekk lill-appellant issibu hati taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 226 tal-Kap. 9 u ghalhekk ghandu jkun hemm necessarjament temperament fil-piena, u dan minbarra l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja, l-ewwel Qorti qalet illi ma jirrizultax sewqan perikoluz (u fil-fatt l-anqas ma jirrizulta lil din il-Qorti li kien hemm sewqan bla kont). L-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 jipprovdi ghal skwalifka ta’ mhux anqas minn tliet xhur fil-kaz ta’ l-ewwel kundanna meta jkun hemm sewqan bi traskuragni kbira jew sewqan perikoluz. F’dan il-kaz jirrizulta sewqan traskurat izda mhux sewqan bi traskuragni kbira. Ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 15(3) tal-Kap. 9 li jipprovdi ghal skwalifika ta’ mhux anqas minn tmint ijiem. Kwindi ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu ta’ skwalifika anke biex tkun riflessa din id-differenza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-

ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, tiddikjara li l-ewwel imputazzjoni tinsab assorbita fit-tielet imputazzjoni u li in kwantu t-tielet imputazzjoni tirrevokaha in kwantu s-sejbien ta' htija kien skond l-artikolu 226(1)(a) u tiddikjara li l-htija ghal dik l-imputazzjoni hija skond l-artikolu 226(1)(b), tirrevoka wkoll is-sentenza appellata in kwantu kkundannatu multa ta' elfejn Ewro (€2000) u skwalifikatu mil-licenzja ta' sewqan ghal sitt xhur u minflok tikkundannah multa ta' elf euro (€1000) u tiskwalifikah mil-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur minn nofs-il lejl tallum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------